A.L. 23 ta' l-1993

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts — M.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

REGOLAMENTI TA' L-1992 GĦALL-KORS LI JWASSAL GĦALL-GRAD TA' MASTER OF ARTS — M.A.

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kors li jwassal għall-Grad ta' *Master of Arts* — M.A.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' *Master of Arts* — M.A.;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Master of Arts* — M.A.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Jannar 1989 jew wara.

Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Bla ħsara ta' kull kondizzjoni oħra meħtieġa skond dan ir-regolament, l-applikanti għar-reġistrazzjoni li jistgħu jiġu mdaħħla fil-Kors għandhom ikunu dawk imsemmija hawn taħt:

(a) persuni li għandhom il-grad ta' *Bachelor of Arts (Honours) — B.A. (Hons.)* — b'*First* jew *Second Class Honours* f'suġġett rilevanti jew kull grad ieħor ta' din l-Università jew Università oħra approvat mis-Senat għal dan il-fini;

(b) persuni li għandhom il-grad ta' *Bachelor of Arts — B.A.* — għallinqas bil-Kategorija B fl-istess suġġett bħal dak magħżul għall-Kors;

(ċ) persuni li għandhom grad minn din l-Università jew Università oħra, b'dan iżda li l-Bord tal-Fakultà jkun sodisfatt li dan il-grad ikun tal-livell meħtieġ u li, f'kull każ, ma jkunx inferjuri għall-Kategorija B jew għall-ekwivalenti tagħha fl-istess suġġett bħal dak magħżul għall-Kors fl-Eżami Finali ta' dak il-grad;

(d) persuni li għandhom il-grad ta' *Bachelor of Arts (Honours) — B.A. (Hons.)* — b'*Third Class Honours* miksub minn din l-Università fl-1980 jew qabel fl-istess suġġett bħal dak magħżul għall-Kors;

(e) persuni li għandhom il-grad ta' *Bachelor of Arts — B.A.* — miksub fl-1988 jew fl-1989 għallinqas bil-Kategorija B fl-Istudji Mediterranji, b'dan iżda li r-reġistrazzjoni għall-Kors tkun fl-Istorja biss;

(f) persuni li għandhom il-grad ta' *Bachelor of Education (Honours) — B.Ed. (Hons.)* — u li temmu b'suċċess għallinqas 20 kredtu fil-qasam ewlieni (barra mill-metodoloġija) fil-kors li jwassal għal dak il-grad b'medja ta' Kategorija B jew aħjar f'dak il-qasam u li għaddew mill-Eżami Finali tal-qasam tal-kontenut.

(2) Applikanti għar-reġistrazzjoni taħt is-sotto-paragrafi (b) (ċ), (d), (e) jew (f) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ikunu meħtieġa li, qabel ma jirreġistraw għall-Kors, barra milli jissodisfaw kull kondizzjoni oħra speċjali tal-Bord tal-Fakultà, li jgħaddu sena jsegwu kors preparatorju xieraq u li jgħaddu minn eżami ta' kwalifikazzjoni fil-livell ta' għallinqas *Second Class Honours*. Dan l-eżami għandu normalment ikun bħall-eżami sħiħ ta' l-*Honours* jew parti minnu fis-suġġett li għandu x'jaqsam.

(3) L-eżami msemmi fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan ikun magħmul minn erba' karti li jkunu determinati mill-Bord tal-Fakultà, bir-rakkomandazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment, magħżulin bil-ħsieb li jikkompletaw il-programm ta' l-*Honours* tal-applikant. Karta waħda jew aktar minn dawn il-karti jistgħu jkunu magħżulin għar-rilevanza tagħhom għal-linja ta' studju proposta tal-applikant.

(4) Qabel ma jiġi ammess biex jirreġistra għall-Kors kull applikant irid ikun ġie approvat mill-Bord tal-Fakultà, bir-rakkomandazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment li għandu x'jaqsam, bħala li għandu t-taħriġ, l-għarfien u l-ħila meħtieġa għal-linja proposta ta' studju u tiftix.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Kandidat għall-Grad ikun mistenni li jippreżenta dissertazzjoni miktuba fuq is-suġġett approvat mhux inqas minn ħmistax u mhux aktar minn sebgħa u għoxrin xahar skond il-kalendarju wara r-reġistrazzjoni. Il-Bord tal-Fakultà jista' qabel il-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni, jtawwal dan iż-żmien għal perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar skond il-kalendarju.

(2) Kandidat jista' bil-permess tal-Bord tal-Fakultà, jirreġistra fuq bażi *part-time*. Kull perjodu mgħoddi fi studju jew tiftix *part-time* jitqies ekwivalenti għal nofs l-istess perjodu ta' studju jew tiftix *full-time*.

(3) Kandidat, kemm *full-time* u kemm *part-time*, ikun mistenni li jirreġistra għall-Kors mill-ġdid fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjoni

5. Il-Bord tal-Fakultà għandu jaħtar Professur jew *Lecturer* bħala superviżur għal kull kandidat. Il-kandidat għandu jirrapporta lis-superviżur għallinqas darba kull term u wkoll skond kemm ikun meħtieġ. Is-superviżur jista' jirreferi lill-Bord tal-Fakultà kandidat li x-xogħol tiegħu jqisu mhux soddisfaċenti u għandu jressaq għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà, kull tibdil sostanzjali fl-isem jew fil-kontenut tad-

dissertazzjoni proposta. Ebda dissertazzjoni ma tista' tkun sottomessa lill-eżaminaturi mingħajr ċertifikat ta' qbil mar-regolamenti iffirmat mis-superviżur.

It-Titolu tad-Dissertazzjoni

6. Isem u tifsila provviżorji tad-dissertazzjoni għandhom ikunu sottomessi għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà fi żmien tliet xhur skond il-kalendarju mill-ewwel reġistrazzjoni.

Kontenut tad-Dissertazzjoni

7. (1) Kul' dissertazzjoni għandha:

(a) tkun jew rekord ta' xogħol oriġinali jew espressjoni ordinata u kritika ta' data li jeżistu diġà dwar suġġett partikulari;

(b) tissoddisfa lid-Dipartiment li għandu x'jaqsam dwar l-ilsien u l-preżentazzjoni letterarja; u

(ċ) thares l-ispeċifikazzjonijiet kollha tar-regolament 8 dwar it-tul u l-forma.

(2) Id-dissertazzjoni għandha jkollha t-tul li jiġi deċiż mill-Kap tad-Dipartiment li jkun, iżda normalment ma tkunx itwal minn 50,000 kelma.

(3) Ebda dissertazzjoni ma tkun milqugħa li tkun identika fis-sustanza għal dissertazzjoni li ġiet sottomessa diġa' għal xi grad f'din l-Università jew f'xi oħra. Iżda ebda kandidat ma jinżamm milli jinkorpora xogħol bħal dan ta' dissertazzjoni li sar qabel li jista' jkun meħtieġ għall-preżentazzjoni u għal ftehim iseħħ ta' l-espożizzjoni tiegħu, basta li x-xeħta u l-medda ta' dan ix-xogħol inkorporat ikunu indikati biċ-ċar fid-dissertazzjoni stess.

Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

8. (1) Dwar il-preżentazzjoni, id-dissertazzjoni għandha thares l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) *Id-daqs tal-karta*: Id-Daqs Standard Internazzjonali A4 (11¾" x 8¼");

(b) *Ittajpjar:* Spazju doppju għat-test ewlieni. Spazju singlu għan-noti. L-ispazju singlu jista' jintuża wkoll għal kwotazzjonijiet twal fit-test ewlieni. Marġni fuq ix-xellug ta' 1.5". Marġni ta' fuq u fuq il-lemin ta' 0.5". Marġni ta' fuq ta' 2" jitħalla fuq l-ewwel paġna ta' kull diviżjoni, i.e., taqsimiet, bibljografija, eċċ. In-nota/i għandhom jidhru fil-qiegħ tal-paġna rilevanti jew wara kull taqsima;

(ċ) *Il-paġinar:* It-test ewlieni, inklużi d-daħla (jekk ikun hemm), u l-kull appendiċi tad-dissertazzjoni, għandhom ikunu b'numri Għarab; il-paġna ta' l-isem, id-dedika (jekk ikun hemm), il-prefazju, rikonnoximenti, il-werrej, il-bibljografija eċċ., li jiġu qabel it-test ewlieni, għandhom ikunu b'numri Rumani;

(d) *Il-legatura:* Għandhom ikunu ppreżentati tliet kopji mhux illegati tad-dissertazzjoni. Duplikazzjoni bl-istensil tista' ssir, basta r-riżultat ikun nadif u ċar. Wara li d-dissertazzjoni tkun difiża b'suċċess, żewġ kopji tad-dissertazzjoni kif approvati mill-Bord ta' l-Eżaminaturi, għandhom ikunu meħjutin u llegati bid-

drapp (jekk jista' jkun iswed) bi qxur iebsa u karti tat-tarf ta' kwalità tajba; bl-ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar, li juru (i) l-isem tal-kandidat (ii) l-isem jew l-isem qasir tad-dissertazzjoni; (iii) il-grad li d-dissertazzjoni tkun qiegħda tiġi sottomessa għalih; u (iv) is-sena meta tiġi sottomessa. Mapep, disinji, materjal stampat, eċċ., għandhom ikunu llegati mad-dissertazzjoni, iżda jekk dan ma jkunx possibbli għandhom ikunu ppreżentati għalihom flimkien u numerati. Kopja llegata waħda tad-dissertazzjoni tinżamm fil-Librerija ta' l-Università, it-tieni fil-ħarsien tad-Dipartiment li jkun u t-tielet kopja tingħat lura lill-kandidat wara l-eżami;

(e) *It-tifsila tal-paġna ta' l-isem*: L-isem tad-dissertazzjoni u s-sotto-isem, jekk ikun hemm, u warajh l-isem tal-kandidat, is-suġġett, u d-data ta' meta tiġi sottomessa, eż. "Dissertazzjoni ppreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti fl-Università ta' Malta għall-grad ta' *Master of Arts* fil-(l-isem tas-suġġett, eż. l-Istorja)" imbagħad ix-xahar u s-sena ta' meta tiġi sottomessa.

2. Id-dissertazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mill-kandidat li hi xogħol oriġinali tiegħu.

L-Eżami Finali

9. (1) Qabel ma jippreżenta d-dissertazzjoni kandidat ikun mistenni li jkun segwa u temm b'suċċess żewġ taqsimiet jew aktar ta' studju li wieħed minnhom għandu jkun fil-Metodi tat-Tiftix. Il-kontenut f'kull taqsima għandu jkun determinat mill-Bord tal-Fakultà fid-dawl ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kap tad-Dipartiment li jkun.

(2) L-eżami finali f'kull kors għandu jkun bil-miktub. Kandidat li jeħel f'xi karta ta' l-eżami jkun jista' jerġa' jagħmel l-eżami kollu fi żmien tnax-il xahar skond il-kalendarju.

(3) Kandidat normalment ikun ukoll mistenni jagħmel eżami *viva voce* biex jiddefendi d-dissertazzjoni tiegħu.

Eżaminaturi

10. (1) Kull dissertazzjoni tkun eżaminata minn għallinqas tliet eżaminaturi, li wieħed minnhom normalment għandu jkun eżaminatur barrani minn Università oħra.

(2) L-eżaminaturi għal karti bil-miktub mitluba mir-regolament 9 jistgħu jkunu oħrajn barra dawk magħżula għad-dissertazzjoni stess.

Sottomissjoni mill-Ġdid tad-Dissertazzjoni

11. Kandidat li d-dissertazzjoni tiegħu tinstab insodisfaċenti jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà, bir-rakkomandazzjoni ta' l-eżaminaturi, jerġa' jissottomettiha f'għamla riveduta fi żmien mhux inqas minn sitt xhur skond il-kalendarju u mhux aktar minn tmintax-il xahar skond il-kalendarju mill-jum li fih tkun intbagħtitlu lura.

Riżultati Finali

12. (1) Ir-Riżultat Finali ta' kull kandidat għandu jqis il-meriti tad-dissertazzjoni tiegħu u d-difiża *viva voce* tagħha minnu magħmula.

(2) Kandidati li jgħaddu jikkwalifikaw għall-Grad u isimhom għandu jiġi ppubblikat f'ordni alfabetiku klassifikati kif sejjer jingħad:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.